MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Numru 824/2013

FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 18 TA’ GUNJU 2014

Il-Pulizija

(Spettur Arthur Mercieca)

vs

Ivan Galea

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 500774m akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. matul il-lejl ta' bejn it-22 u 23 ta' Awissu 2013 ghal habta tat-3.00am gewwa l-Marsa ikkommetta serq ta' mutur tal-ghamla Triumph numru ta' registrazzjoni FAF809 ghad-dannu ta' Joseph Micallef u jew persuni ohra liema serq huwa aggravate bil-hin, bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi E2329.37;
2. fil-lejl ta' bejn it-22 u t-23 ta' Awissu 2013 ghal habta tas-1.30am gewwa l-Marsa ikkommetta serq ta' monitor minn gewwa vettura IBJ252 ghad-dannu ta' Christopher Galea u/jew persun, ohra liema serq hu aggravat bil-hin, bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi E232.92 izda ma jeccedix E2329.37;
3. fil-lejl ta' bejn it-22 u 23 ta' Awissu 2013 ghal habta tas-1.30am gewwa l-Marsa volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq vann tal-marka Izuzu, numru ta' registrazzjoni IBJ 252, liema hsara ma tiskorrix E1164.69 izda izjed minn E116.47, liema hsara saret ghad-dannu ta' Christopher Galea u/jew ta' xi persuni u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;
4. matul ix-xahar ta' Awissu 2013 gewwa dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara diversi hwejjeg, li kienu misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
5. nhar il-25 ta' Awissu 2013 wara li kien gie ikkundannat f'Malta ghas-serq jew ghar-ricettazzjoni nstab fil-pussess ta' ghodod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi u dan minghajr ma ta kont sodisfacjenti ghal liema skop legittimu kienu jinsabu ghandu;
6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gewwa dawn il-Gzejjer saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAF809 tal-ghamla Triumph minghajr ma kien kopert b'licenza u polza ta' assikurazzjoni;
7. irrenda ruhhu recidiv ai termini ta' l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tal-artikoli tal-ligi minnu hemm citati bghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn dina l-Qorti;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li jigi ggudikat minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju jirriflettu l-imputazzjonijiet emessi fit-tahrika, cioe', serq aggravat, pussess ta' hwejjeg misruqa meta precedentement ikun hemm kundanna ta' serq jew ricettazzjoni, ricettazzjoni, li saq minghajr kopertura ta' polizza ta' assikurazzjoni u minghajr licenzja u fl-ahhar li hu recidiv.

Is-serq hu allegat fir-rigward mutur tal-ghamla Triumph numru ta' registrazzjoni FAF 809 u f'serq ta' 'monitor' minn gewwa vettura numru ta' registrazzjoni IBJ 252. L-aggravji fis-serq huma l-hin, il-mezz, ix-xorta tal-haga misruqa u l-valur. Fil-konfront tal-ewwel, ossija l-mutur, mic-cirkostanzi ta' kif ittiehed, dan is-serq jinsab pjienament pruvat. Mhux kredibbli l-imputat li jimplika fl-istqarrija minnu rilaxxjata li ma kellux intenzjoni li jisraq l-imsemmi mutur imam biss li hadu biex wara jcempel lis-sid u jirritornah. Fil-konfront tal-'monitor' xehed certu Christopher Galea li spiega ic-cirkostanzi ta' kif insteraq u l-filmat (esebit) juri li huwa nsteraq mill-imputat.

Dwar l-akkuza ghab-bazi tal-Artikolu 286 tal-Kap 9 li jikkontempla l-piena ghas-serq semplici, skond il-valur tal-haga misruqa fuq, lil min ikun instab hati ta' serq jew ricettazzjoni u ikun instab fil-pussess ta' hwejjeg misruqa minghajr ma jaghti kont sodisfacenti ta' kif ikunu gew legittimament ghandu, ghalkemm mill-atti processwali, senjatament il-fedina penali, jirrisulta serq precedenti li ghalih kien gie ikkundannat l-imputat baqghet akkuza mhux pruvata stante li apparti ghall-affarjiet li taghhom l-imputat jinsab akkuzat xejn iehor ma nstab ghandu.

Dwar l-akkuza tal-hsara volontarja hi tinsab pruvata fil-konfront tal-'monitor'. Minn naha l-ohra l-mutur ma sofra l-ebda hsara.

Dwar l-akkuza li saq bla ma kien kopert b'poliza ta' assikurazzjoni din ghandha tirrizulta differentement ghall-akkuza li saq bla licenzja stante li ma tinsabx pruvata skond il-ligi. Ditto ghar-recidiva.

F'dan l-istadju tas-sentenza l-Qorti tissoferma fuq il-fatt li f'xi stadju waqt il-provi tal-prosekuzzjoni l-imputat kien irregistra ammissjoni li jidher li reggha lura minna meta fl-ahhar seduta precedenti din dwar l-istess ammissjoni ivverbalizza li kien qieghed jirriserva l-posizzjoni tieghu.

Ghaldaqstant, tiddikjara l-imputat hati tal-ewwel, t-tieni, it-tielet u s-sitt akkuzi din ta' l-ahhar sa fejn akkuzat li saq minghajr kopertura ta' assikurazzjoni. Rat l-Artikolu 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 267,270,271(g), 2783, 279(a)(b), 2802), 325(2)(b) u 17 tal-Kap 9, l-Artikolu 3(1), (2),(2A) tal-Kap 104. Rat il-fedina penali xejn esemplari. Tikkundannah hmistax il-xahar prigunerija. Tilliberah mill-bqija.

A.M.Trigona

Magistrat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------